# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Marzu, 2019**

**Numru**

**Rikors Numru 348/18 TA**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Malta Shipping Limited (C 39990)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat, prezentat u mahluf mill-Avukat Dr. Christopher Spiteri in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta fis-16 ta' April, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

> "1. Illi ai termini tal-Att dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta) l-Awtorita` esponenti hija *inter alia* l-Awtorita` regolatorja responsabbli ghall-operat tal-portijiet ta' Malta;
>
> 2. Illi l-kumpanija intimata Malta Shipping Limited hija debitrici tal-Awtorita` attrici fis-somma ta' sitta u sittin elef disa' mija u disghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€66,990.75) konsistenti fi drittijiet portwali, inkluzi drittijiet dovuti taht ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmigg (*berthage*

*dues* u *mooring dues*), drittijiet dwar bastimenti qieghda (*laid up dues*), drittijiet ta' pilotagg (*pilotage dues*), hlasijiet dwar permessi, drittijiet ta' ankragg (*anchorage dues*), hlasijiet dwar servizzi ta' sigurta` (*security services – Boiler Wharf*) u hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskart iggenerat minn bastimenti (*ship generated waste management fees*);

3. Dan jidher mill-*istatement of account* datat 10 ta' April, 2018 anness bhala **Dok. TM1;**

4. Id-drittijiet mitluba jirrigwardaw facilitajiet moghtija lill-konvenuta Malta Shipping Limited fuq talba taghha stess fir-rigward ta' diversi bastimenti ta' proprjeta` taghha jew minnha operati jew rapprezentanti;

5. Il-konvenuta Malta Shipping Limited giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti minnha pagabbli. Madanakollu, hija baqghet inadempjenti u l-ammont dovut baqa' dejjem jizdied.

Ghaldaqstant, l-Awtorita` rikorrenti umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara li l-intimata Malta Shipping Limited hija debitrici tal-Awtorita` attrici fis-somma ta' sitta u sittin elf disa' mija u disghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€66,990.75), jew somma verjuri, konsistenti fi, izda mhux necessarjament limitata ghal, drittijiet portwali, inkluzi drittijiet dovuti taht ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmigg (*berthage dues u mooring dues*), drittijiet dwar bastiment qieghda (*laid up dues*), drittijiet ta' pilotagg (*pilotage dues*), hlasijiet dwar permessi, drittijiet ta' ankragg (*anchorage dues*), hlasijiet dwar servizzi ta' sigurta` (*security services – Bolier Wharf*) u hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskart iggenerat minn bastimenti (*ship generated waste management fees*);

2. Tikkundanna lill-konvenuta Malta Shipping Limited thallas lill-Awtorita` attrici l-imsemmija somma ta' sitta u sittin elf disa' mija u disghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€66,990.75), jew somma verjuri likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez gudizzjarji, u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Kap. 13, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni."

Rat li l-atti gew debitament notifikati lis-Socjeta` konvenuta b'dana kollu baqghet ma ghamlitx risposta guramentata skont il-ligi biex b'hekk baqghet kontumaci;

Rat ix-xhieda u dokumenti kollha esebiti mill-Awtorita` Attrici;

Rat li s-Socjeta` konvenuta moghtija hmistax-il gurnata zmien biex taghmel nota ta' osservazzjonijiet ai termini tal-artikolu 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta baqghet inadempjenti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

L-Awtorita` Attrici qeghdha titlob il-hlas reklamat minnu f'din il-kawza bhala rapprezentanti hlasijiet ghad-drittijiet portwali kif ahjar elenkati fir-rikors guamentat. L-ammont li qed ikun mitlub jirrizulta mill-istatement of accounts (Dok TM1). Dawn l-ammonti b'kollox jammontaw ghal sitta u sittin elf disa' mija u disghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€66,990.75). Dan l-ammont gie sahansitra konfermat bil-gurament minn Dr. Christopher Spiteri fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2019 (a` fol 47). Tul il-proceduri s-Socjeta` konvenuta b'ebda mod ma resqet 'il quddiem biex tikkontesta t-talbiet. Ghall-kuntrarju ma uriet ebda interess kwalunkwe.

Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-ammont li qieghed jintalab mill-Awtorita` Attrici huwa pjenament dovut skont il-ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qeghdha taqta’ u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa’ l-ewwel** talba attrici;

**Tilqa’ t-tieni** talba attrici u konsegwentement tikkundanna lis-Socjeta` konvenuta thallas lill-Awtorita` Attrici l-ammont ta’ sitta u sittin elf disa’ mija u disghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€66,990.75) bl-imghaxiiet legali kif mitluba sal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza a` karigu tas-Socjeta` konvenuta.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**